*Carmel Attard, Segretarju Ġenerali*

*Ritratti bil-kortesija ta' Jean Grima.*

# Soċjetà Filarmonika Prekursur

## *Ħajja u Ħidma*

**Messaġġ tas-Segretarju Ġenerali li sar fl-okkażjoni ta' Jum il-Banda fit-13 ta' Mejju 2014**

***Żagħżugħa ta' 85***
***"w'għalkemm għaddew tant snin,***
***sew sew ħamsa w'tmenin,***
***il-Banda baqgħet sħiħa***
***żagħżugħa, għalkemm xiħa."***

Hekk iddeskriva lis-Soċjetà tagħna l-poeta Xewki, u eks-bandist, is-Sur Mario Borg fil-poeżija li kiteb għall-okkażjoni tal-85 anniversarju kemm ilha mwaqqfa l-Banda *Prekursur*. L-għan ewlieni tat-twaqqif ta' din l-għaqda kien li tiġi mwaqqfa banda mużikali fix-Xewkija, sabiex din tieħu sehem fil-jiem tal-festa tat-Twelid ta' San Ġwann Battista, Patrun tar-raħal tagħna. Il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber mexxa l-ewwel laqgħa tal-kumitat nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 1929. Dan l-ewwel kumitat ħadem bis-sħiħ sabiex din il-ħolma tal-poplu tax-Xewkija, li jkollu l-banda tiegħu, issir realtà.

Kien fl-1 ta' Jannar 1930 li l-Banda daqqet għall-ewwel darba marċijiet fix-Xewkija fl-okkażjoni ta' l-ewwel tas-sena. F'Ġunju tal-istess sena, il-Banda ħadet sehem attiv għall-ewwel darba fil-festa tal-Patrun tagħna, San Ġwann Battista, fejn il-Banda żanżnet l-ewwel standard tagħha, waqt li daqqet diversi marċi mat-toroq tax-Xewkija u esegwiet programm fil-Pjazza, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Andrea Borg. L-ewwel servizz tal-Banda barra mir-raħal kien meta ħadet sehem fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes, l-Imġarr, Għawdex fis-17 ta' Lulju 1930.

Sa mill-ewwel ġranet mit-twaqqif tal-Banda *Prekursur*, ta' spiss kienet tkun mistiedna biex tieħu sehem fil-festi titulari li kienu jiġu ċċelebrati fl-irħula t'Għawdex u ta' Malta, u ċelebrazzjonijiet ta' festi nazzjonali. Fl-1934 il-moviment tal-*Boy Scouts* ingħaqad mal-Banda *Prekursur* u sar parti integrali mal-istess banda. Fis-sena 1936 il-Gvernatur ta' Malta Sir Charles Bhoam Carter għamel żjara fil-każin tal-Banda, fejn ġie milqugħ bid-daqq ta' marċi brijużi. Fil-31 ta' Lulju 1938 il-Banda *Prekursur* qasmet il-fliegu tal-gżejjer Maltin għall-ewwel darba u ħadet sehem fil-festa ta' Marija Addolorata f'San Pawl il-Baħar. Madankollu għall-aħħar tas-sena 1939, l-attivitajiet kollha tal-Banda kellhom jieqfu ħesrem, billi faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, fejn il-każin tal-Banda ġie rekwiżizzjonat mill-militar, u ħafna bandisti marru suldati.

Il-banda li nafu llum bdiet fil-bidu tas-sena 1956, u minn dakinhar 'l hawn kompliet miexja 'l quddiem.

Skont statistika miġbura minn Kalanġ Camilleri, il-Banda *Prekursur* għamlet 771 servizz fix-Xewkija, u 765 servizz barra mix-Xewkija. Minn hawn naraw id-dedikazzjoni u l-impenn tal-bandisti u kumitati tas-Soċjetà, li għandhom lejn ir-raħal.

Illejla, m'iniex ser inkompli nidħol fid-dettalji tal-istorja kbira tal-Banda tagħna. Dan nistgħu narawh fil-ktieb tal-istorja tal-Banda li kien ippubblikat mis-Soċjetà, u miġbur minn M'Kalanġ Camilleri.

Irridu nħarsu 'l quddiem biex dak li bdew missirijietna, inkompluh aħna, li aħna fdati b'din it-tmexxija ta' din is-Soċjetà. Għalhekk nixtieq nieħu din l-okkażjoni ta' ċelebrazzjonijiet mis-Soċjetà, biex nagħmel kuraġġ u nħeġġeġ lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna, biex jagħmlu ħilithom bl-istess kuraġġ u rieda li missirijietna ħadmu bihom 85 sena ilu.

Kienu l-istess nies li bdew il-Banda li ħabirku kemm felħu u ħadmu biex tinbena l-knisja rotunda, li hija ġawhra għal Għawdex u għall-gżejjer tagħna. Mela ejjew, ġenituri Xewkin, naħdmu biex inkomplu niżviluppaw din is-Soċjetà, biex uliedna, li huma l-preżent u l-futur tal-Banda *Prekursur*, u l-preżent u l-futur tax-Xewkija, ikollhom ambjent addattat, fejn jirrikreaw ruħhom.

Imħeġġa mill-appoġġ kontinwu u ma jaqta' xejn ta' tant benefatturi Xewkin, aħna kommessi li nibqgħu naħdmu biex inġibu 'l quddiem dan il-proġett li bdew missirijietna. Fis-snin li ġejjin jeħtieġ li nkomplu naħdmu bla heda fuq dan l-aspett. Inħajru iktar tfal u żgħażagħ u anki adulti biex jitgħallmu l-banda. Irridu nagħmlu sforzi kbar fiż-żminijiet tal-lum, nifhmu u nagħrfu aħjar x'inhuma l-aspettattivi taż-żgħażagħ tagħna.

Ejjew, Xewkin, naffrontaw dawn l-isfidi li għandna quddiemna, għax aħna li nħobbu l-volontarjat, ninsabu mimlijin ħeġġa u kuraġġ biex nibqgħu naħdmu fi ħdan is-Soċjetà, għal dan l-għan.

Nixtiequ nħeġġu iktar universitarji biex jibqgħu jagħtu s-sehem tagħhom lill-Banda, kemm bħala bandisti, u kemm fl-amministrazzjoni.

Nistqarr li aħna determinati li nwettqu dak kollu li hemm bżonn bi mħabba kbira lejn il-Banda *Prekursur* u lejn il-Patrun tagħna San Ġwann Battista.



Membri tal-Kumitat fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-wirja *Gozo Celebrates Mattia Preti.*

**Attivitajiet**
Matul din is-sena, aħna organizzajna diversi attivitajiet biex infakkru dan l-anniversarju. Iċ-ċelebrazzjonijiet bdejnihom bħal-lum sena, fit-13 ta' Mejju 2013, f'Jum il-Banda, u jilħqu l-qofol tagħhom fil-festa ta' San Ġwann Battista ta' din is-sena.

Fost dawn l-attivitajiet, kellna l-wirja storika u prestiġjuża, *Gozo Celebrates Mattia Preti.* Kienet ġurnata storika għar-raħal tax-Xewkija u għal Għawdex, bil-ftuħ ta' din il-wirja prestiġjuża u ta' valur, li tellajna f'dan il-lokal.

**Attivitajiet oħrajn li ser norganizzaw huma dawn:**

- *Pasta Night*, nhar il-Ġimgħa li ġejja, fil-Każin, li l-qligħ tagħha ser imur għall-festa ta' San Ġwann.
- Imbagħad nhar il-Ħadd 18 ta' Mejju, sejrin nagħtu d-demm, fl-Isptar Ġenerali, mit-8.30am sas-1.00pm. Il-ħsieb huwa: Agħati **id-demm** - Ir-rigal **tal-ħajja.**
- Il-Ħadd 25 ta' Mejju, bit-tħabrik tas-surmast tagħna Anthony Borg, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali, l-Uffiċċju tal-Kultura, u l-Uffiċċju tat-Turiżmu, ser intellgħu programm mużikali minn banda Ingliża *Eynsford Concert Band*, ħdejn il-Każin.

**Non Surrexit Maior**
*Non Surrexit Maior*, huwa l-isem ta' wirja tal-arti li sejrin intellgħu fil-Każin tal-Banda *Prekursur* din is-sena, fil-ġimgħa tal-festa. Din is-sena, ser ikollna artisti Xewkin, li ser jesebixxu xogħlijiet tagħhom f'din il-wirja. Il-wirja ser tiftaħ uffiċjalment il-Ġimgħa 13 ta' Ġunju u tibqa' miftuħa sal-Ħadd 22 ta' Ġunju.

Inħeġġiġkom biex tattendu għal dawn l-attivitajiet u oħrajn li norganizzaw.

Nagħlaq billi nirringrazzja lis-Surmast Anthony Borg, li minħabba impenji personali ma setax ikun magħna llejla; lis-Surmastrijiet tal-alljievi, lill-alljievi, bandisti, membri tal-kumitati, u lill-Kunsill Lokali, tal-ħidma ma taqta' xejn biex il-Banda *Prekursur* tibqa' miexja 'l quddiem.

F'mumenti bħal dawn, ma nistax ma nsellimx mill-qalb lil dawk kollha li b'għaqal u b'ħila kbira bdew u mexxew din is-Soċjetà matul dawn il-85 sena kemm ilha mwaqqfa.

**Il-logo tal-85 Anniversarju, iddisinjat u maħdum mill-artist Xewki Paul Falzon.**




